IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2015
COM(2015) 418 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar il-ħidma tal-Kumitati matul l-2014

{SWD(2015) 165 final}

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITATI MATUL L-2014

Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[1] (ir-"Regolament tal-Komitoloġija"), il-Kummissjoni b'dan qed tippreżenta r-rapport annwali tagħha dwar il-ħidma tal-kumitati għall-2014.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fis-sistema tal-komitoloġija fl-2014 u fih taqsira tal-attivitajiet tal-kumitati. Huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal bi statistika dettaljata dwar il-ħidma tal-kumitati individwali.

1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IŻVILUPPI FIS-SISTEMA TAL-KOMITOLOĠIJA FL-2014

1.1 Żvilupp ġenerali

Kif deskritt fir-rapport tal-2013[2], il-proċeduri tal-komitoloġija kollha previsti fid-Deċiżjoni l-"qadima" tal-Komitoloġija[3], bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju (RPS), kienu awtomatikament adattati għall-proċeduri l-ġodda tal-komitoloġija stipulati fir-Regolament tal-Komitoloġija.

Għalhekk fl-2014, il-kumitati tal-komitoloġija kienu qed joperaw skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Komitoloġija, jiġifieri il-proċedura konsultattiva (l-Artikolu 4) u l-proċedura ta' eżaminazzjoni (l-Artikolu 5), kif ukoll skont l-RPS stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija.

Skont id-dikjarazzjoni[4], magħmula fiż-żmien tal-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Komitoloġija, li d-dispożizzjonijiet RPS kollha f'atti bażiċi eżistenti jkunu adattati għall-kriterji stipulati fit-Trattat, wara eżerċizzju ta' analiżi preliminari fl-2012, fl-2013 il-Kummissjoni adottat tliet proposti[5] biex tallinja total ta' 200 att bażiku mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE. F'Novembru 2014, il-Kummissjoni fil-bidu tal-mandat il-ġdid tagħha u fil-kuntest ta' rieżami ta' proposti leġiżlattivi pendenti, iddeċidiet li tirtira dawn il-proposti[6] sakemm joħroġ l-eżitu ta' diskussjonijiet futuri bejn l-istituzzjonijiet fil-kuntest tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar.

1.2 Żvilupp tal-każistika

Skont is-sentenza tagħha fil-Kawża C-427/12, il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill (il-"każ tal-Bijoċidi"), fit-18 ta' Marzu 2014 il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet sentenza għall-ewwel darba fuq każ ta' delineazzjoni bejn atti delegati u ta' implimentazzjoni. Bl-applikazzjoni tagħha fil-każ tal-Bijoċidi, il-Kummissjoni Ewropea talbet l-annullament ta' dispożizzjoni li

---

1 ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

2 Rapport mill-Kummissjoni dwar il-ħidma tal-kumitati matul l-2013, COM(2014)572 final.

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE (ĠU C 255, 21.10.2006, p. 4).

4 Din id-dikjarazzjoni kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali flimkien mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 19).

5 COM(2013)451, 452 u 751.

6 ĠU C 80, 7.3.2015, p. 17.

tipprevedi l-adozzjoni ta’ miżuri li jistabbilixxu t-tariffi li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn għandhom jiġu stabbiliti permezz ta’ atti delegati. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors tal-Kummissjoni bħala infondat. Filwaqt li l-Qorti ma dehritx li tiddubita li l-Artikoli 290 u 291 TFUE ilkoll għandhom il-kamp ta’ applikazzjoni tagħhom, hija rrikonoxxiet li l-leġiżlatur għandu marġni ta' diskrezzjoni meta jiddeċiedi li jagħti setgħa ddelegata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290(1) TFUE jew setgħa ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291(2) TFUE. Bħala konsegwenza, il-Qorti sabet li r-rieżami ġudizzjarju huwa limitat għal żbalji manifesti.

Fis-sentenza tagħha tal-15 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-65/13, il-Parlament Ewropew vs. Kummissjoni Ewropea (il-Kawża EURES), il-Qorti ċaħdet ir-rikors tal-Parlament, intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/733/UE, peress li qieset li l-Kummissjoni ma kinitx marret lil hinn mis-setgħat ta’ implimentazzjoni tagħha.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET

2.1 Numru ta' kumitati u laqgħat

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-kumitati tal-komitoloġija, fuq in-naħa l-waħda, u l-entitajiet l-oħra, b'mod partikolari "il-gruppi tal-esperti" iffurmati mill-Kummissjoni stess, fuq in-naħa l-oħra. Dawn tal-aħħar jipprovdu għajnuna esperta lill-Kummissjoni[7] fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-politika, kif ukoll ta' atti delegati, filwaqt li l-kumitati tal-komitoloġija jgħinu lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-poteri ta' implimentazzjoni li ġew mogħtija lilha mill-atti legali bażiċi. Dan ir-rapport jiffoka esklussivament fuq il-kumitati tal-komitoloġija. In-numru ta' kumitati tal-komitoloġija attivi fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-1 ta' Jannar 2015 kien ikkalkulat skont is-settur tal-attività (ara t-Tabella I). Iċ-ċifri għas-sena preċedenti (fil-31 ta' Diċembru 2013) qed jingħataw ukoll għal raġunijiet ta' tqabbil. Sezzjonijiet u konfigurazzjonijiet ma jingħaddux separatament minħabba li dawn jappartjenu għal kumitat prinċipali.

TABELLA I — L-għadd totali ta' kumitati (2014/15)

Settur ta' politika	2014/15	2013
Agrikoltura u Żvilupp Rurali (AGRI)	18	20
Baġit (BUDG)	2	2
Azzjoni Klimatika (CLIMA)	5	4
Netwerks ta' Komunikazzjoni, Kontenut u Teknoloġija (CNECT)	6	6
Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECFIN)	1	2
Edukazzjoni u Kultura (EAC)	5	8
Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (EMPL)	4	4
Enerġija (ENER)	15	18
Ambjent (ENV)	31	33
L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)	1	1
Eurostat (ESTAT)	7	7
L-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (FISMA)	9	15
Is-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel (SANTE)	21	26
Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili (ECHO)	2	3
Informatika (DIGIT)	1	1
Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs (GROW)	44	33
Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp (DEVCO)	5	6
Ġustizzja u l-Konsumaturi (JUST)	20	17
Affarijiet Marittimi u Sajd (MARE)	4	4
Migrazzjoni u Affarijiet Interni (HOME)	14	13
Mobilità u Trasport (MOVE)	30	32
Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (NEAR)	3	4
Politika Reġjonali u Urbana (REGIO)	1	2
Riċerka u l-Innovazzjoni (RTD)	5	8
Segretarjat Ġenerali (SG)	3*	2*
Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI)	4	4
Tassazzjoni u Unjoni Doganali (TAXUD)	11	13
Kummerċ (TRADE)	15	13

[7] Għal iktar informazzjoni, ara: http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfmhttp://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?Lang=MT

TOTAL:	**287**	**301**

** Inkluż il-kumitat ta' appell (għall-ħtiġijiet tar-reġistru tal-komitoloġija, il-kumitat ta' appell huwa rreġistrat bħala kumitat taħt ir-responsabbiltà tas-SG; fil-prattika, huwa ġestit mis-servizzi kollha konċernati).*

Fl-2014, il-kumitati tal-komitoloġija setgħu ġeneralment jinqasmu skont it-tip ta' proċedura li kienu jaħdmu biha (proċedura konsultattiva, proċedura ta' eżaminazzjoni, proċedura regolatorja bi skrutinju — ara t-Tabella II). Ċerti kumitati li kienu japplikaw proċeduri multipli ġew separati minn kumitati li jaħdmu bi proċedura unika.

TABELLA II — L-għadd ta' kumitati skont il-proċedura (2014)

	Tip ta' proċedura				
	Konsultattiva	**Eżaminazzjoni**	**Regolatorja bi skrutinju**	**Li topera skont diversi proċeduri**	**TOTAL:**
AGRI	0	12	0	6	18
BUDG	1	1	0	0	2
CLIMA	0	1	0	4	5
CNECT	0	2	0	4	6
DEVCO	0	2	0	3	5
DIGIT	0	1	0	0	1
EAC	0	1	0	4	5
ECFIN	0	0	0	1	1
ECHO	0	1	0	1	2
EMPL	0	0	0	4	4
ENER	3	5	1	6	15
ENV	0	6	5	20	31
ESTAT	0	2	0	5	7
FISMA	0	2	2	5	9
FPI	0	3	0	1	4
GROW	7	9	5	23	44
HOME	2	6	0	6	14
JUST	5	6	5	4	20
MARE	0	3	0	1	4
MOVE	3	7	3	17	30
NEAR	1	1	0	1	3
OLAF	0	0	1	0	1
REGIO	0	0	0	1	1
RTD	0	4	0	1	5
SANTE	0	10	0	11	21
SG	0	3*	0	0	3*
TAXUD	1	9	0	1	11
TRADE	2	6	0	7	15
TOTAL:	**25**	**103**	**22**	**137**	**287**

** Inkluż il-kumitat ta' appell.*

L-għadd ta' kumitati mhuwiex l-uniku indikatur ta' attività fil-livell tal-komitoloġija. L-*għadd ta' laqgħat* li saru, kif ukoll *l-għadd ta' proċeduri bil-miktub*[8] użati fl-2014 jirriflettu wkoll l-intensità tax-xogħol b'mod ġenerali, fil-livell settorjali u f'kumitati individwali (Tabella III).

[8] Il-votazzjoni tal-kumitati tista' sseħħ f'laqgħa regolari tal-kumitat jew, f'każijiet debitament ġustifikati, permezz ta' proċedura bil-miktub, skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament tal-Komitoloġija.

TABELLA III — Għadd ta' laqgħat u proċeduri bil-miktub (2014)

	Għadd ta' kumitati	Laqgħat		Proċeduri bil-miktub	
		2014	2013	2014	2013
AGRI	18	140	132	8	3
BUDG	2	4	6	2	1
CLIMA	5	12	13	1	3
CNECT	6	11	16	10	12
DEVCO	5	16	20	12	48
DIGIT	1	2	2	0	0
EAC	5	6	9	6	59
ECFIN	1	5	0	0	0
ECHO	2	9	5	3	5
EMPL	4	4	2	7	15
ENER	15	20	33	7	2
ENV	31	38	42	12	18
ESTAT	7	8	12	6	4
FISMA	9	7	9	7	6
FPI	4	5	4	2	7
GROW	44	60	56	24	29
HOME	14	28	21	40	15
JUST	20	10	4	12	11
MARE	4	9	8	2	15
MOVE	30	64	52	23	16
NEAR	3	12	4	20	10
OLAF	1	2	2	0	0
REGIO	1	10	7	4	3
RTD	5	52	23	131	240
SANTE	21	122	127	506	403
SG	3	6*	7	0	0
TAXUD	11	89	81	25	32
TRADE	15	22	19	23	9
L-AMMONT TOTALI	**287**	**773**	**716**	**893**	**966**

** Inklużi 6 laqgħat tal-kumitat ta' appell.*

2.2 Għadd ta' opinjonijiet u atti/miżuri ta' implimentazzjoni

Bħal dejjem, dan ir-rapport jagħti ċ-ċifri globali tal-*opinjonijiet* formali mogħtija mill-kumitati u *l-atti/il-miżuri ta' implimentazzjoni* sussegwenti adottati mill-Kummissjoni[9]. Dawn iċ-ċifri jikkwantifikaw il-"produttività" tanġibbli tal-kumitati (ara t-Tabella IV).

[9] Għandu jiġi nnutat li jista' jkun hemm diskrepanzi bejn l-għadd ta' opinjonijiet u l-għadd ta' atti/miżuri ta' implimentazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari. Ir-raġunijiet għal dawn hija spjegata fl-introduzzjoni tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

TABELLA IV — Għadd ta' opinjonijiet u atti/miżuri ta' implimentazzjoni adottati (2014)

	Opinjonijiet	Atti ta' implimentazzjoni adottati	Miżuri RPS adottati
AGRI	141	135	2
BUDG	15	14	0
CLIMA	19	14	5
CNECT	21	20	0
DEVCO	86	84	0
DIGIT	1	1	0
EAC	28	9	0
ECFIN	5	5	0
ECHO	9	7	0
EMPL	7	3	0
ENER	14	4	4
ENV	38	16	19
ESTAT	17	6	10
FISMA	17	3	1
FPI	4	2	0
GROW	54	19	24
HOME	45	42	0
JUST	19	11	1
MARE	22	22	0
MOVE	93	44	32
NEAR	112	110	0
OLAF	0	0	0
REGIO	12	8	0
RTD	152	150	0
SANTE	799	695	67
SG	13*	2*	0
TAXUD	79	74	0
TRADE	67	63	0
TOTAL	**1 889**	**1 563**	**165**

** Inkluži 13-il opinjoni mogħtija mill-kumitat ta' appell u żewġ atti adottati.*

2.3 Laqgħat tal-kumitat ta' appell

Il-kumitat ta' appell iltaqa' sitt darbiet matul l-2014, u ddiskuta 13-il abbozz ta' atti ta' implimentazzjoni (fil-qasam tal-politika dwar is-saħħa u l-konsumatur, il-mobilità u t-trasport) li kienu riferiti mill-Kummissjoni. Il-kumitat ta' appell ma ta l-ebda opinjoni fi 11-il każ, u ta opinjoni pożittiva f'żewġ każijiet. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tadotta dawn l-atti ta' implimentazzjoni kollha.

2.4 Użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju (RPS)

Kif imsemmi fit-Taqsima 1, il-Proċedura Regolatorja bi Skrutinju ma kinitx affettwata mir-riforma tal-komitoloġija tal-2011. Din il-proċedura ma tistax tibqa' tintuża f'leġiżlazzjoni ġdida, imma għadha tidher f'diversi atti bażiċi eżistenti u se tibqa' tapplika skont dawk l-atti sakemm jiġu allinjati. Fl-2014, ġew adottati 165 miżura skont l-RPS (ara t-Tabella V). Id-dritt ta' veto kien użat f'każ wieħed (DĠ SANTE). Meta jitqabbel mal-2013, id-dritt tal-veto intuża darba.

TABELLA V — Għadd ta' miżuri adottati skont il-Proċedura Regolatorja bi Skrutinju (RPS) (2014)

	Miżuri RPS adottati	Il-PE oppona l-adozzjoni ta' abbozz ta' miżuri skont l-RPS	Il-Kunsill oppona l-adozzjoni ta' abbozz ta' miżuri skont l-RPS
AGRI	2	0	0
BUDG	0	0	0
CLIMA	5	0	0
CNECT	0	0	0
DEVCO	0	0	0
DIGIT	0	0	0
EAC	0	0	0
ECFIN	0	0	0
ECHO	0	0	0
EMPL	0	0	0
ENER	4	0	0
ENV	19	0	0
ESTAT	10	0	0
FISMA	1	0	0
FPI	0	0	0
GROW	24	0	0
HOME	0	0	0
JUST	1	0	0
MARE	0	0	0
MOVE	32	0	0
NEAR	0	0	0
OLAF	0	0	0
REGIO	0	0	0
RTD	0	0	0
SANTE	67	0	1
SG	0	0	0
TAXUD	0	0	0
TRADE	0	0	0
TOTAL	**165**	**0**	**1**

3. Tagħrif dettaljat dwar l-attivitajiet tal-kumitati

Id-dokument ta' ħidma li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-ħidma tal-kumitati individwali fl-2014, imqassma fuq il-bażi tad-dipartimenti tal-Kummissjoni kkonċernati differenti.